# Kollox ġej minnu, kollox permezz tiegħu, kollox għalih
## Adorazzjoni Ewkaristika
## għat- Tnejn u Għoxrin Ġimgħa Matul is-Sena A
## Settembru 2023

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija
Dawl tal-glorja ta' Missierek,
Verb ta' dejjem, ejja fostna,
għax mingħajr il-grazzja tiegħek
jaqgħu fuqna d-dlam u l-biża'.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Jekk nimtlew bl-Ispirtu tiegħek,
jiġi Alla jgħammar fina,
u jsaħħaħna bħal fortizza
kontra l-ħbit tal-għadu tagħna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Hekk il-ħajja w ħtiġijietha
ma jħarbtux is-sliem ta' ruħna,
iżda ngħixu hienja w kwieti
fil-ħarsien tal-liġi tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Għax kbar huma l-għana, l-għaqal
u l-għerf tiegħek, o Bin Alla!
Tassew ħadd ma jista' jgħarbel
il-ħaqq tiegħek u triqatek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ġieħ u sebħ għal dejjem, Kristu,
Sultan twajjeb, jintradd lilek,
lill-Missier, u lill-Ispirtu
Difensur u Faraġ tagħna. Amen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Temmejna x-xahar ta' Awwissu u bdejna dak ta' Settembru, xahrejn li fihom il-liturġija bħal donnha tilgħab il-passju u tgħaddi minn solennità u festa għal oħra: it-Trasfigurazzjoni tal-Mulej; tifkiriet ta' qaddisin; Marija mtellgħa s-sema u inkurunata bħala Sultana f'lemint is-Sultan tal-Ħolqien, l-indiema u l-għerf ta' Santu Wistin; u issa t-twelid ta' Marija bħal donnha d-dawl taż-żernieq, l-Eżaltazzjoni tas-Salib, u iktar. Il-kalendarju liturġiku jgħaddina mit-tħabbrik bla

heda għall-mistrieħ ta' dejjem; mit-taqbid u t-tixrid tad-demm minħabba fl-istqarrija tal-isem ta' Alla-bniedem għall-glorja tal-istess martirju u t-twelid fis-sema għall-ħajja bla tmiem; l-Eżaltazzjoni tas-Salib meta tqis li minnu nnifsu s-Salib bla dubju hu l-ikbar paradoss tal-istorja.
Għaldaqstant, aħna u nħallu l-Kelma ta' Alla li smajna l-Ħadd li għadda aħna u nkomplu niċċelebraw il-Wieħed u Għoxrin Ġimgħa Matul is-Sena, jiswa mhux biss li nħallu l-mistoqsija ta' Ġesù, "Imma intom min tgħidu li jien?" tinterpellana u twassalna għal stqarrija iktar sħiħa tal-fidi fil-Mulej li bħalissa hu preżenti quddiemna fiċ-ċokon tal-ħobż Ewkaristiku, imma jeħtieġ li naslu wkoll għall-istqarrija tal-kobor ta' Alla u nħallu jfur minn qalbna t-tifħir li bih qalb San Pawl imtliet fit-Tieni Qari meħud mill-Ittra lir-Rumani.

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani** (11, 33-36)
Ħuti, kemm huma kbar l-għana, l-għerf u l-għaqal ta' Alla! Kemm tassew ħadd ma jista' jgħarbel il-ġudizzju tiegħu u jifhem it-triqat tiegħu!
Għax min qatt għaraf moħħ il-Mulej?
Min qatt kien il-kunsillier tiegħu?
Min qatt tah l-ewwel biex jistħoqqlu l-ħlas?
Kollox ġej minnu, kollox permezz tiegħu, kollox għalih. Lilu l-glorja għal dejjem ta' dejjem. Ammen!

**Il-Kelma tal-Mulej**
*R/. Irroddu ħajr lil Alla*

*(adorazzjoni fis-skiet)*

### Innu Ewkaristiku

Mulej, Minkejja li Pawlu jinfexx f'dan l-apostrofe ta' ġieħ wara li fisser fit-tul kif, meta għażel li jagħti d-don tal-fidi lill-pagani, Alla xorta waħda ma reġax lura mill-għażla li kien għamel tal-Poplu ta' Iżrael permezz tal-patt tas-Sinaj bit-tama li proprju permezz tal-konverżjoni tal-pagani għad tasal ukoll dik ta' Iżrael, dan il-kważi innu ta' tifħir, anke maqtugħ mill-kuntest oriġinali tiegħu, xorta waħda jimla 'l qalbna b'dak is-sens ta' milja li jiġi mill-għarfien tax-xejn tagħna quddiem il-kobor tiegħek li mhux talli ma jisħaqniex talli jiċċekken iktar minna sabiex nikluh u nistgħu wkoll nieqfu quddiemek u nqattgħu l-ħin miegħek. Hija din il-loġika tal-pjan kollu tas-salvazzjoni li quddiemha neħlu hekk li naslu li nġarrbu tassew il-ħelsien u l-adozzjoni tal-ulied. Minkejja li nafu li ħarstek tneżża' kull maskra u kull star li bih ngħattu l-għera u l-għawar tagħna, xorta waħda din il-ħarsa tiegħek inħossuha kollha mħabba li trodd id-dinjità. U għalhekk nifhmu li ma nistgħux ngħarblu l-ġudizzju tiegħek magħmul mhux biss bix-xibka tal-verità imma wkoll mit-toqob tal-ħniena. Lanqas nistgħu nibdew nifhmu kemm toroq imserrpa lest taqbad sabiex tiksibna lura.

Veru, xi kultant naħsbu li nifhmu iktar minnek hekk li nħossuna f'pożizzjoni li nistgħu niddettawlek x'għandek tagħmel jew nispjegawlek kif l-affarijiet jistgħu jmorru aħjar—kif ħasbu Adam u Eva meta kielu mill-frotta pprojbita. Imma, meta tkun żarmajt il-kburija tagħna—ta' spiss b'ħafna umiljazzjonijiet u għarfien tal-bluha tagħna—u jifdal biss waħedha u mneżża' għal kollox il-mistoqsija "Għaliex?" indirizzata lilek, imbagħad hemmhekk nagħrfu postna tassew quddiemek u għaldaqstant naslu li nsibu s-sliem minkejja li forsi bqajna mingħajr tweġiba tanġibli. F'din il-qagħda jirnexxilna nġarrbu dik is-sensazzjoni li fl-aħħar ninsabu f'postna, inħossu li lħaqqna l-milja u ksibna dak kollu li qalbna tixxennaq għalih ... proprju meta nifhmu li, iva, verament, kollox ġej minnek, kollox permezz tiegħek, kollox għalik. Fi ħdanek qalbna tikwieta u ssib il-mistrieħ f'din l-istqarrija umli imma li fl-istess ħin hija l-ogħla stqarrija li nistgħu qatt nagħmlu, u li jeħtieġ li nagħmluha mhux biss bil-fomm imma bil-ħajja kollha tagħna: kollox ġej minnek, kollox permezz tiegħek, kollox għalik. Għalhekk, lilek, u lilek waħdek, il-glorja għal dejjem ta' dejjem. Ammen!

## Innu Ewkaristiku

Ejjew inkomplu nfaħħru lill-Mulej u nistqarru li kollox ġej minnu, kollox permezz tiegħu, kollox għalih, permezz ta' Salm 145, li hu Salm ta' tifħir għall-kobor u tjieba ta' Alla, billi ntennu flimkien: *Lilek, Mulej, il-glorja għal dejjem ta' dejjem!*

SALMI 145, 1-2. 4-5. 10-12. 13a. 15-16. 18-21

Ħa nkabbrek, Alla tiegħi, sultan,
u nbierek ismek għal dejjem ta' dejjem.
Kuljum irrid inbierkek,
u nfaħħar ismek għal dejjem ta' dejjem. **R/.**

Nisel lil nisel isebbaħ għemilek,
u s-setgħa tiegħek ixandru.
Il-ġmiel u l-kobor tas-sebħ tiegħek iħabbru,
u fuq l-għeġubijiet tiegħek jitħaddtu. **R/.**

Kulma għamilt iroddlok ħajr, Mulej;
iberkuk il-ħbieb tiegħek kollha.
Is-sebħ tas-saltna tiegħek ixandru,
fuq is-setgħa tiegħek jitkellmu,
biex jgħarrfu lill-bniedem il-qawwa tiegħek,
u s-sebħ u l-ġmiel tas-saltna tiegħek. **R/.**

Saltnatek hi saltna għaż-żminijiet kollha,
minn nisel għal nisel il-ħakma tiegħek.

Għajnejn kulħadd iħarsu lejk, Mulej,
u inti tagħtihom l-ikel f'waqtu.
Int tiftaħ idek,
u xxabba' 'l kulħadd bil-ġid. *R/.*

Qrib il-Mulej lejn kull min isejjaħlu,
lejn kull min isejjaħlu fis-sewwa.
Tifħir il-Mulej ixandar fommi;
u jbierek kulħadd l-isem qaddis tiegħu
għal dejjem ta' dejjem! *R/.*

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Aħna u nħarsu lejk, mistrieħ wieqaf, bħal donnok is-Salib fuq il-blata tal-altar, fejn fl-istess waqt inti s-saċerdot, l-altar u l-vittma, kif nistgħu ma nistqarrux: "Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj"! Kif nistgħu ma nagħmlux dan mhux biss bil-fomm jew f'tifħir f'qalbna, imma bħala stqarrija li tinvolvi l-eżistenza kollha tagħna! Kif nistgħu ma nemmnux fik b'konvinzjoni assoluta u 'l fuq minn kull ħaġa jew persuna li fuqhom inserrħu fil-ħajja ta' kuljum! Kif nistgħu nibqgħu indifferenti u ninjoraw li din l-istqarrija tfisser li d-dinja u l-bnedmin, diġà mifdija minnek, jeħtieġ li tittwasslilhom permezz tagħna din l-aħbar it-tajba li waħedha biss tista' tagħti s-salvazzjoni u l-ħelsien! Għalhekk, Mulej, aħna u noqorbu lejn tmiem dan il-mument ta' talb, flimkien bħala familja, bħala l-Knisja tiegħek li fik issib il-ġieħ tagħha, se rressqulek il-ħtiġijiet tal-Knisja u tad-dinja.

- Ieqaf mal-Knisja tiegħek, mibnija fuq il-blata tal-istqarrija tad-divinità tiegħek, hija u twassal l-aħbar it-tajba tas-salvazzjoni. Nitolbu.
- Żomm sħaħ fil-fidi lill-Papa Franġisku u lill-isqfijiet kollha tad-dinja fil-qadi tal-missjoni tagħhom bħala suċċessuri ta' Pietru u l-Appostli. Nitolbu.
- Dawwal lill-persuni għorrief u intelliġenti sabiex jikbru fl-għaqal billi jagħrfu li l-għerf ġej kollu minnek u għalhekk jinqdew bih għall-ġid tal-umanità. Nitolbu.
- Rattab il-qlub muġugħa u miksura li qegħdin isibuha bi tqila biex jersqu lejk, sabiex jiskopru l-ħelsien veru tagħhom fil-ħniena u l-ġieħ mogħti lilek. Nitolbu.
- Ilqa' fis-saltna tiegħek ta' dejjem lil ħutna li fuq din l-art inġabru madwar l-altar tiegħek u tawk ġieħ bl-istess ħajja tagħhom. Nitolbu.

Mulej, aħna nagħrfu li kollox ġej minnek, kollox permezz tiegħu, kollox għalik: ilqa' dan it-talb tagħna għall-glorja tiegħek, li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Barka Sagramentali**